MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 1017/2011

**Pincott Security Limited [C-7000]**

**Vs**

**Lulu Limited [C-25106]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf tmien mija tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1,898.81c] u dan wara li ppremettew hekk:

"Hlas fl-ammont komplessiv ta' elf tmien mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin cent (€1,898.81), kwantu ghas-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin euro u hamsa u sebghin cent (€477.45) rappreżentanti l-import tal-fattura rilaxxjata mis-socjeta attriċi a favur tas-socjeta konvenuta fl-1 ta' Awwissu, 2009 kwantu ghas-somma ta'

tlieta u tletin euro (€33) rappreżentanti l-import tal-fattura rilaxxjata mis-socjeta attriċi a favur tas-socjeta konvenuta fid-19 ta’ Ottubru 2009, u kwantu ghas-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u tmenin euro u sitta u tletin cent (€1,388.36) rappreżentanti l-import tal-fattura rilaxxjata mis-socjeta attriċi a favur tas-socjeta konvenuta fl-10 ta’ Gunju, 2010, liema somma komplessiva tirriżulta mill-anness prospett immarkat bhala Dok. A.

Is-socjeta attriċi qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) oltre dawk ulterjuri bl-applikazzjoni tad-dispost tal-A.L. 233 tal-2005 b’effett mid-data ta’ kull fattura fuq imsemmija indikata fuq l-anness prospett mmarkat bhala Dok. A sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna, kompriża dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2618/2011 fl-ismijiet premessi ppreżentat a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa stess ingjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fid-29 ta’ Dicembru, 2011 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“It-talba ghall-hlas m’ghandhiex tiġi milqugha ghar-ragunijiet segwenti:

(1) B’konsegwenza tax-xoghol illi gie esegwit gew ikkawżati danni skond kif pretizi fil-kontro-talba ntavolata kontestwalment ma din ir-risposta;

(2) Minghajr preġudizzju, l-imghax li qieghed jintalab fuq l-ammont pretiz huwa eċċessiv u mhux ikkalkolat skond il-ligi;

(3) Bl-ispejjez”.

Ra **l-kontro-talba mressqa mis-socjeta intimata** fil-konfront tas-socjeta rikorrenti fejn stqarret hekk:

"Is-socjeta Lulu Limited mhux biss tikkontesta l-pretensjoni ghall-hlas ghar-ragunijiet diġà ndikati fir-risposta iżda kontestwalment qed tintavola s-segwenti kontro-talba:

1. Lulu Limited ingaggjat lil Pincott Limited sabiex tinstalla sistemi ta' sigurtà u ta' intercom;

2. Waqt illi kienu qed jiġu eżegwiti x-xogholijiet, gew ikkawżati danni fuq headboard fil-kamra fejn kienu qed isiru x-xogholijiet;

3. L-istima sabiex jiġu rranġati l-hsarat ta' fuq din il-headboard hija ta' €2,200.70c;

4. Ir-responsabbilta ghal dawn il-hsarat hija unikament ta' Pincott Security Limited u ghaldaqstant hija ghandha thallas ghal dawn il-hsarat fl-ammont ta' €2,200.70c;

5. Ghaldaqstant, is-socjeta Lulu Limited titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jordna lil Pincott Security Limited thallas lil Lulu Limited is-somma ta' €2,200.70 rapprezentanti hsarat li gew ikkawżati waqt xogholijiet li kienu qed isiru minn Pincott Security Limited stess.

6. Bl-ispejjez"

Ra **r-risposta tas-socjeta rikorrenti ghal-kontro-talba** tas-socjeta intimata minnha mressqa fid-19 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk:

"Din hi r-risposta ta' Pincott Security Limited ghall-kontro-talba ta' Lulu Limited.

L-istess Pincott Security Limited teceppixxi:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma ampjament preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Illi fil-mertu, u minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta ghandhom jiġu michuda.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti li minn issa hija flimkien mad-diretturi taghha ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra l-verbali datati 4 ta’ Lulju, 2012, 28 ta’ Settembru, 2012, 8 ta’ Novembru, 2012, 8 ta’ Jannar, 2013 u 4 ta’ Marzu, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob l-hlas tas-somma ta’ elf tmien mija tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin ċenteżmu [€1,898.81c] liema somma tirrapreżenta bilanċ dovuta lilha minn somma akbar bhala prezz ta’ xoghol u servizzi rezi lis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata fir-risposta taghha qalet li x-xoghol esegwit mis-socjeta rikorrenti irrekala hsara u danni u kienet ghalhekk li resqet kontro talba tikkontendi li meta saru dawn ix-xogholijiet sarilha hsara, konsegwenza ta’ liema gew arrekati lilha d-danni. L-istima biex titranġa din il-hsara, u allura d-danni li hija soffriet, kienet tammonta ghas-somma ta’ elfejn u mitejn euro u sebghin ċenteżmi ta’ euro [€2,200.70c]. Is-socjeta rikorrenti resqet risposta ghal din il-kontro-talba fejn qalet li l-kontro-talba hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 u fil-mertu, l-istess kontro-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2012 **xehed Anthony Tonna**, *managing director* tas-socjeta rikorrenti. Huwa beda biex qal li b'referenza ghal-ewwel *invoice* li hemm imnizzla fl-i*statement* immarkat bhala dokument A mal-avviz odjern a fol 2 tal-process u cioe' l-*invoice* bin-numru 69794 datata 19 ta' Ottubru, 2009 fl-ammont ta' €33 din kienet dovuta ghall-*service call* li s-socjeta' rikorrenti kienet ghamlet f'wiehed mill-*premises* tas-socjeta' intimata.

Kompla jghid li l-*invoice* numru 45 datata l-1 ta'Awwissu, 2009 fl-ammont ta' €477.45c tirreferi ghall-bilanc minn xoghol li huma kienu ghamlu fil-propjeta' tas-socjeta' intimata kemm fir-residenza li hemm fuq ir-*restaurant* kif ukoll fl-istess *restaurant*. Din l-*invoice* ġiet immarkata bhala dokument AT1. Ix-xhud ighid li ghar-rigward tax-xoghlijiet l-ohra li kienu ghamlu f'dawn iz-zewg fondi huma kienu thallsu u kull ma kien ghad fadal kien il-bilanc ta' din l-*invoice* hawn appena msemmija.

Ix-xhud esebixxa kopja tat-tielet *invoice* u cioe dik bin-numru 363 datata 10 ta' Gunju, 2010 li hemm immarkat fuq l-i*statement* fl-ammont ta' €1,388.36c bhala dokument AT2. Dan ix-xoghol sar kollu fil-kafeterija li hemm gewwa l-Ibragg u, jkompli jghid ix-xhud, ma ghandux x'jaqsam max-xoghol l-iehor li sar f'postijiet differenti. Dwar din l-*invoice,* ix-xhud ighid li ma kien hemm l-ebda kwistjonijiet dwarha.

Ghalhekk, ighid ix-xhud, b'kollox is-socjeta' intimata kellha tlett postijiet fejn is-socjeta rikorrenti ghamlet ix-xoghol u cioe fir-residenza, fil-kafetterija u fir-*restaurant*.

Huwa jkompli jghid li minn dawn l-ammonti li semmejt ma thallas xejn u ghalhekk is-socjeta rikorrenti fadlilha tirċievi minghand is-socjeta intimata s-somma ta' €1,898.81c.

Ix-xhud esebixxa ukoll kopja tal-kuntratt tax-xogholijiet miftiehma bejn il-partijiet, liema kuntratt iġib id-data tal-5 ta' Gunju, 2009. Dan il-kuntratt ma huwiex iffirmat. Mistoqsi mit-Tribunal il-ghala dan il-kuntratt m'huwiex

ffirmat, ix-xhud qal illi n-negozju kien isir ma' Nikki Pillow u peress illi dan huwa habib tieghu, huwa kien jafdah.

B'referenza ghax-xogholijiet li ghamlu fir-residenza u fir-*restaurant* li jinsab taht ir-residenza ta' Nikki Pillow, ix-xhud ighid li dan kien maqsum f'zewg stadji. L-ewwel stadju kien meta ghaddew il-*wiring* in kwistjoni tal-prodotti li kienu ser iwahhlu filwaqt li t-tieni stadju kien l-installazzjoni tal-prodotti fil-fond. Ikompli jghid li l-hsieb kien illi jitwahhlu *monitors* zghar li wiehed ikun jista jara minn kien qieghed icempel jew idoqq skont il-kas minn isfel ghal gor-residenza tas-Sinjuri Pillow. Meta l-addetti tas-socjeta rikorrenti marru biex jaghmlu t-tieni stadju u cioe marru biex jinstallaw l-apparat irrizulta illi dan l-apparat ma kienx addattat ghal dak illi riedet is-socjeta intimata. Din is-sistema ma kinitx sistema tas-socjeta rikorrenti iżda kienet inxtrat minghand terzi. Din is-sistema inxtrat wara li dawn it-terzi kkonfermalhom illi s-sistema setghet tahdem fuq hames *intercoms*. Kien ghalhekk meta huma gew biex jinstallaw dawn l-ahhar *intercoms* fl-appartament tas-Sinjuri Pillow is-sistema ma hadmitx tajjeb kif xtaqet is-socjeta rikorrenti u minhabba f'hekk kellhom ibiddlu l-apparat li kien ser jigi mwahhal fil-*bedroom* tas-Sinjuri Pillow.

Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti li juru r-ritratti tas-sistemi kif ser ikunu. Dok AT4 juri kif is-sistema li kienet ser tinstalla s-socjeta rikorrenti iżda mbaghad wara li rrizultalha li dik is-sistema ma kinitx ser tkun idejali ghaddew biex installaw il-prodott li hemm mmarkat fid-dokument AT5. Ovvjament, anke mad-daqqa t'ghajn, jirrizulta li hemm differenza fid-daqs. Kompla jghid li fl-2008 meta l-addetti tas-socjeta rikorrenti kienu ghaddew il-*wiring* kienu ghamlu ukoll it-toqba li kienet ser tigi wzata mis-sistema li r-ritratt taghha jinsab ezebit fil-process u mmarkat bhala dokument AT4 (fol. 22). Meta mbaghad l-addetti tas-socjeta rikorrenti gew biex jinstallaw is-sistema l-ohra (dik esebita a fol. 23 – dok. AT5) irrizulta li kien ser ikun hemm madwar nofs pulzier iktar il-barra mis-set u ghalhekk meta l-addetti tas-socjeta rikorrenti kienu sejrin jaghmlu l-*hand set* li hemm mmarkat fuq id-dokument AT5

dan kien ser ikun hemm toqba ta' madwar nofs pulzier tidher mat-tul tal-*hand set* kollhu.

Ix-xhud Tonna qal li s-socjeta minnu rappreżentata ssuggeriet li jsir *frame* tal-*perspex* pulit tal-lewn abjad. Fil-fatt, ighid ix-xhud, din il-proposta giet accettata mis-socjeta intimata u kien ghalhekk li s-socjeta rikorrenti ghaddiet biex taghmel dan il-*frame*. Meta mbaghad marru biex jinstallaw dan il-*frame* madwar l-*intercom* li hemm ezebit a fol AT5 (fol. 23) dan ma ntoghgobx. Wara dan, ix-xhud ighid li huwa ndahhal personalment u mar jara x'kien qieghed jiġri peress illi ma kienx intoghgob il-*frame*. X'hin wasal fuq il-post, huwa ltaqa mas-Sinjura Pillow u x'hin kien hemm, huwa ra is-*switch* tad-dawl tal-kamra tas-sodda taghhom. Huwa staqsieha minghand minn kienet xtrat dawn is-*switches* sabiex il-*frame* tal-*perspex* abjad li kienet ghadha kif ghamlet is-socjeta rikorrenti jbiddluh u jaghmluh l-istess kulur tal-is*witch* tad-dawl. Hekk fil-fatt sar. Izid ighid li meta mar it-*technician* biex jinstalla t-tieni *frame* dan ukoll ma ntghogobx.

F'Gunju tas-sena 2011 ighid ix-xhud, is-Sur Pillow kien qallu li s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet hsara kbira u dan wara li hi kienet talbet il-hlas tal-kont li kien hemm pendenti ghar-rigward tal-kafetterija. Fir-rigward tal-prodott huwa jghid li dan kien inxtara minghand il-Globe Enterprises fis-sena 2008 u xogholhom kien li jqeghduh u jinstallawh. Zied ighid li x-xoghol li kienet qeghda taghmel is-socjeta' rikorrenti kien ghas-socjeta intimata anke jekk sar xoghol fir-residenza privata tas-Sinjuri Pillow.

Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti stqarr li meta l-partijiet iltaqaw biex jitkellmu dwar il-hsarat li kienu saru u li ghalihom is-socjeta rikorrenti kienet qeghda tassumi r-responsabbilita huwa staqsa lis-Sur Pillow kemm kienet il-hsara. Fil-fatt, jkompli jghid ix-xhud, is-socjeta minnu rappresentata kienet lesta li mill-ammont tal-invoice numru 45 (dok AT1[1]) taqtalu nofs dan l-ammont sabiex taghmel tajjeb ghal-hsarat. Dan id-diskors sar fl-24 ta' Gunju, 2011. F'Awwissu, 2011 is-socjeta intimata baghtet

[1] L-invoice hija fl-ammont ta' €477.45 (fol. 18)

stima ta’ €2,200. Huwa qal li s-socjeta minnu rappreżentata ma dehriliex li hija kellha thallas dan l-ammont ghal spazju ta’ twelve millimeters (12mm) by fifty-nine millimeters (59mm) bejn wiehed u iehor.

In kontro-ezami, huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. AT 8 (fol. 26) liema dokument huwa *sketch* ta’ kif kellu jigi nstallat l-*intercom* u t-toqba li kien hemm warajh. Dan id-dokument juri l-ispazju li kien ser jibqa jidher kieku wehel it-tieni *hand set*. Il-marka bil-kulur isfar turi l-wisa’ tal-*frame* li s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet. Ix-xhud ighid li minn dan id-dokument jidher bic-car li l-*frame* li riedu jaghmlu kien ser jghatti sew it-toqba illi kien hemm u li kienet saret fl-2008. Mistoqsi f’kemm il-*bedroom* kien sar dan l-izball, ix-xhud ighid li fi żewġ jew tlett *bedrooms*.

Ix-xhud ikkonferma li l-ammont li ghandha taghti s-socjeta’ ntimata lil dik rikorrenti huwa dak muri fid-dokument mmarkat bl-ittra A a fol 2 tal-process u cioe’ €1,898.81. Dan l-istatement, jkompli jghid ix-xhud, jigbor fih kull ammont li huwa dovut mis-socjeta intimata. B’referenza ghall-i*statement* datat 26 ta’ Jannar, 2012 (dok. AT 9) ix-xhud qal li fih l-ammont huwa ta’ €1,421.36c. Kompla jispjega li d-differenza bejn dan l-i*statement* u l-i*statement* li hemm a fol 2 tal-process huwa li fl-ahhar *statement* u cioe’ dok AT9 ma hemmx indikat fih *invoice* numru 45 fl-ammont ta’ €477.45c. Ighid li dan l-ahhar ammont ma ġiex indikat peress li s-socjeta minnu rappreżentata qalet li jekk il-kwistjoni kienet fuq din l-*invoice* biss allura hija setat tithallas ghall-*invoices* l-ohra li dwarhom ma kienx hemm kwistjoni. Finalment qal li s-socjeta minnu rappresentata kienet anke lesta li tikkunsidra biex tinsa dan l-ammont tal-*invoice number* 45.

3. Fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2012 **xehed John Farrugia**, prodott mis-socjeta intimata qal li huwa hadem x-xoghol kollu ta’ l-injam fl-appartament tas-Sinjuri Pillow. Qal illi s-Sinjura Pillow kienet qaltlu li kien hemm xi hadd li kien installalhom l-*intercom* u li kien ghamlilha t-toqob hziena u riditu jsewwihomlha. Ix-xhud qal li huwa kien infurmaha li l-*headboard* kellha ssir mill-gdid. Ma kienx

kaz li ssir xi parti biss mill-headboard ghaliex anke l-ispray kien lahaq ghadda certu zmien minn fuqu madwar tlieta jew erbgha snin u allura meta jsir l-ispraying fuq il-parti li tkun tista titbiddel ser ikun hemm ukoll id-differenza. Apparti minn hekk, jkompli jghid ix-xhud, hemm mirja ohra u ma tistax tibni fuq il-mirja. Kompla jispjega li biex tirranga, trid tibda tibni minn taht, dan fis-sens illi trid tibda tibni minn taht biex il-mirja jkollhom fuq xiex iserrhu u ma tistax taqla l-mirja u taghmel ix-xoghol illi kienet qeghda titlob Mrs Pillow. Il-hsarat, ighid ix-xhud, kienu fil-*headrests* tat-tfal f'zewg *bedrooms* u fil-*main bedroom*. Huwa esebixxa stima tax-xoghlijiet li hemm mehtiega li jsiru flimkien mal-valur tal-istess xoghlijiet. Din l-istima giet immarkata bhala dok. JF1 (fol. 28) u l-valur tax-xogholijiet kienu jammontaw ghas-somma ta' €2,200 inkluz it-taxxa fuq il-Valur mizjud. Dan l-ammont jikkomprendi l-materjal u x-xoghol ta' l-idejn.

In kontro-ezami, x-xhud qal li x-xoghol li kien ghamel ghas-sinjuri Pillow kien fis-sena 2007. Mistoqsi mit-Tribunal jekk setghax isir *frame* sabiex titghatta t-toqba, x-xhud qal li jsir *frame* jew le trid taccetta l-klijenta. Mistoqsi jekk setatx timtela t-toqba li kienet saret, ix-xhud qal li dan ma setax isir ghax anke jekk tigi xkattlata u stokkjata sew xorta kienu ser jidhru x-xquq ta' mad-dawra tal-kaxxa. Zied ighid li apparti minn hekk, kien jehtieg li jigi sprejjat ukoll il-*headboard* u peress illi x-xoghol kellu jsir f'dar residenzjali dan ma kienx possibli il-ghaliex inkella kien jimtela kullimkien *spray* u *rush* tal-i*spray*. B'referenza ghall-materjal li intuza fl-appartament tas-sinjuri Pillow, ix-xhud ighid li l-injama tal-*headboard* m'hijiex injama naturali imma hija mahduma tat-tip MDF. Meta gie mistoqsi jekk din it-toqba setatx timtela bil-*filler* huwa rrisponda fl-affermattiv pero' qal li meta tigi biex tisprejja jimtela kullimkien bir-*rush* tal-i*spray*. Mistoqsi jekk setax tizzarma din il-*unit* huwa qal li biex izzarmaha kien hemm possibilita illi tinkiser il-mera ghaliex u dan peress li l-mera kienet qeghda zzomm mal-injam tal-*headrest*. Kompla jispjega li l-*headrest* hija twila tlett piedi u nofs minn fuq u hemm il-genb tas-sodda kollha u mbaghad ghandek il-parti ta' fejn is-saqajn. Il-mera hija dawra mejt mal-*headboard* u tibda minn fuq il-*headboard* sa taht is-saqaf

u huma nkullati flimkien. Mistoqsi jekk setax jaghmel xi tip ta’ gazzetti sabiex jilqa’ l-bnadi l-ohra minhabba r-*rush* tal-i*spray* huwa qal li dan ma setax isir ghax kien jinqala rebus.

Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa setax ibiddel biss il-parti l-qasira tal-‘L’ u cioe’ l-forma tal-*headboard*, x-xhud qal li ma setax isir hekk ghaliex iz-zebgha nkella ma kinitx ser tigi taqbel imbaghad kienu jidhlu l-kumplikazzjonijiet l-ohra u dan fis-sens illi l-mera hija mibnija fuq il-*headrest* u l-kwistjoni li z-zebgha tibda tinxtered ma kullimkien. L-MDF, jkompli jghid ix-xhud, jaghmlulu dak l-inglettar u cioe’ li jigi *forty-five degrees*. F’dik il-parti kien ser jigi nkullat u allura biex ma jkunx hemm il-fissura bilfors illi jsir l-i*stock* tieghu.

4. Fis-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju, 2012 **xehdet Caroline Pillow** prodotta mis-socjeta’ intimata. Hija bdiet billi qalet li hi direttrici fis-socjeta intimata u ilha tokkupa din il-kariga ghal madwar tnax-il sena u nofs. Stqarret li s-socjeta intimata kienet inkarigat lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmel sistema ta’ *intercom* f’binja li fiha sitta sulari. B’referenza ghall-ammont li qeghda titlob is-socjeta’ rikorrenti, hija qalet li l-hlas ta’ dawn l-€1,898.81c ma sarx minhabba li s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet hsara fil-proprjeta tas-socjeta intimata.

Qalet illi s-socjeta intimata kienet inkarigat lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmlilha sistema ta’ *intercom* u huma hallew f’idejha. Is-sistema li riedu ta’ *intercom* kienet bhal dik li x-xhud uriet lit-Tribunal, liema dokument gie mmarkat bhala dok. CP 1. L-ghazla ta’ din is-sistema kienet minhabba l-fatt li kieku ghamluha bit-*telephone* allura dan kien ser il-hin kollu jkun qieghed jintlaqat mill-persuna li tkun rieqda fuq is-sodda. Ghalhekk kienu ghazlu sistema *hands free*. Wara li twahhlet is-sistema, irriżulta li din ma kienitx qeghda tahdem. Ix-xhud tghid li hija riedet tirranġa din is-sitwazzjoni u kien ghalhekk li hija tat kull opportunita lis-socjeta rikorrenti sabiex tirrimedja ghal dan il-fatt. Ix-xhud ghaddiet biex tippreżenta erba’ ritratti ohra, wiehed li juri s-sistema u s-sodda (dok. CP 2), iehor li juri t-toqba ta’ l-*intercom* li thalliet meta tnehhiet din

is-sistema (dok. CP 3) u tnejn ohra li juru t-toqba ta' l-*intercom* flimkien mal-*intercom* (dok. CP 4 u dok. CP 5). F'dawn l-ahhar żewġ ritratti jidher l-ispazju zejjed li tqatta'. L-*intercoms*, tkompli tghid ix-xhud, twahhlu fil-*wall paneling* ta' l-injam. Tkompli tghid li s-socjeta rikorrenti ppruvat tirrimedja ghal din is-sitwazzjoni billi gabet *frame* biex jghatti t-toqba sabiex imbaghad, ma dan il-*frame* jitwahhal l-*intercom*. Ix-xhud qalet li l-*frame* li ghamlet is-socjeta rikorrenti ma kienx tajjeb il-ghaliex ghalkemm il-*frame* kien tal-injam, dan ma kienx raffinat u hi ma rieditx li jitwahhal *frame* mqabbez il-barra minn mal-*wall paneling*. Wara, is-socjeta rikorrenti regghet ordnat *frame* iehor, mqabbel mas-*switches* tad-dawl li hemm fejn is-sodda. Hija tghid li anke dan il-*frame* ma kienx aċċettabbli ghaliha. L-ahhar attentat kien frame tal-i*stainless steel* li aktar u aktar ma qabilx. Meta ġiet mistoqsija mit-Tribunal jekk setghax jinbidel il-*wall paneling*, ix-xhud qalet illi dan kien difficli ferm il-ghaliex il-mera li tidher fir-ritratti dok CP5 u dok CP2 hija mwahhla mal-injam u allura l-mastrudaxxa kien taha parir biex dawn ma jitnehhewx.

B'referenza ghad-dokument li hemm ezebit a fol 28 tal-process, ix-xhud qalet li din hija stima li kien taha l-mastrudaxxa li kien diġà ghamlilha l-*wall paneling* ezistenti. Ix-xhud tghid li hija qalet lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti li xtaqet li l-kamra tas-sodda tigi kif kienet. Ziedet tghid li din l-istima hija ghat-tlett kmamar tas-sodda. Qalet ukoll li hija ġabet stima minghand haddiehor u talbitu jaghmel l-istess haġa li kienet talbet jaghmlilha l-ewwel mastrudaxxa. Din l-istima hija fl-ammont ta' €2,450 inkluz it-taxxa fuq il-valur miżjud[2].

B'referenza ghall-i*statement* li hemm esebit a fol 27 tal-process, ix-xhud qalet li dan kien l-ahhar *statement* li s-socjeta intimata irċeviet minghand is-socjeta' rikorrenti filwaqt li l-hsara fil-*wall paneling* saret fl-ewwel kwart tas-sena 2008.

In kontro-ezami, x-xhud ġiet mistoqsija ta' minn huma l-*handsets* li hemm fil-prezent u li jidhru fir-ritratti li gew

[2] Ara dok. CP 6 a fol. 45).

ezebiti u mmarkati bhala CP4 u CP5. Hija qalet li dawn huma tas-socjeta' rikorrenti. Mistoqsija x'sar minnhom il-*hands free intercom set* li jidher fid-dokument CP1, ix-xhud qalet li hija ghad ghandha wiehed fil-pussess taghha filwaqt li l-ohrajn haduhom l-addetti tas-socjeta rikorrenti. Qalet ukoll li l-*hand held* li hemm jidher mir-ritratt u li jiccaqlaq ma huwiex marbut kif suppost u ovvjament ma jghattix it-toqba. Ziedet tghid li dan qieghed hemmhekk sabiex tkun tista tinqeda. Ix-xhud tghid li l-*intercom hand held* u cioe dak ta' lewn abjad jahdem u jekk icemplu l-qanpiena minnu hija tirrispondi pero', tkompli tghid ix-xhud, hija mhux fuq dan ftehmet u hi ma tridx dak it-tip ta' *intercom*. Mistoqsija l-ghala ma kienitx qeghda taċċetta dak li ssuggeriet is-socjeta rikorrenti u cioe li jsir *frame* sabiex tkun tista tinheba t-toqbda, ix-xhud qalet li din is-soluzzjoni ma kienitx aċċettabbli.

5. Ra d-dokumentazzjoni esebita.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Nibdew billi nikkunsidraw it-talba tas-socjeta rikorrenti. Irrizulta mill-atti li s-socjeta rikorrenti kienet wettqet diversi xogholijiet ghas-socjeta intimata. B'referenza ghall-*invoices* li s-socjeta rikorrenti tghid li ghadhom pendenti, t-Tribunal sejjer jelenkhom b'mod konkiz. Dawn l-*invoices* huma s-segwenti:

a) *Invoice* numru 45 datata 1 ta' Awwissu, 2009 fl-ammont ta' €477.45c. Ix-xhud Anthony Tonna, *managing director* tas-socjeta rikorrenti jghid li dan l-ammont huwa bilanċ minn ammont ikbar ghal xoghol li s-socjeta minnu rappreżentata kienet ghamlet fir-residenza li hemm fuq ir-*restaurant* kif ukoll fl-istess *restaurant*. Ix-xhud ighid li ghar-rigward tax-xogholijiet l-ohra li kienu saru f'dawn iz-zewg proprjetajiet, is-socjeta minnu rappreżentata kienet thallset u kien fadal biss il-bilanc hawn imsemmi (dok. AT 1 a fol. 18).

b) *Invoice* numru 69794 datata 19 ta' Ottubru, 2009 fl-ammont ta' €33. Ix-xhud Anthony Tonna jghid li dan l-ammont huwa dovut ghal *service call* li s-socjeta minnu

rappreżentata kienet ghamlet f'wiehed mill-*premises* tas-socjeta intimata.

c) *Invoice* numru 363 datata 10 ta' Gunju, 2010 fl-ammont ta' €1,388.36c. Ix-xhud Anthony Tonna jghid li dan l-ammont huwa dovut ghal xoghol li s-socjeta rikorrenti ghamlet fil-kafeterija li hemm ġewwa l-Ibragg u ma ghandha x'taqsam xejn ma xogholijiet ohra li saru band' ohra. Dwar din l-*invoice* x-xhud ighid li ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwarha (dok. AT 2 a fol. 19).

7. Dawn it-tlett ammonti jammontaw flimkien ghas-somma ta' elf tmien mija tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin ċenteżmi ta' euro (€1,898.81c) li huwa l-ammont li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri.

8. Ir-rapprezentanta tas-socjeta intimata, fix-xhieda moghtija minnha fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012 qalet li "*b'referenza ghall-ammont li qeghda titlob is-socjeta attriċi minghand is-socjeta minni rappreżentata nghid illi l-hlas ta' dawn l-elf tmien mija tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin ċenteżmu ma sarx minhabba li ghax ghamlilna l-hsara*" (fol. 41). It-Tribunal jifhem li r-rapprezentanta tas-socjeta intimata ma hijiex tikkontesta l-fatt li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri huwa rejalment dovut. Jifhem ukoll li s-socjeta intimata ma hijiex thallas dan l-ammont l-ghaliex is-socjeta rikorrenti arrekkat hsarat f'ammont superjuri ghal dan l-ammont u allura hija s-socjeta intimata li ghandha taghti lilha.

9. Nghaddu biex nezaminaw il-kontro-talba. L-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta rikorrenti f'dan il-kaz hija dik li l-kontro-talba mressqa mis-socjeta intimata kontriha hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16. Dan l-artikolu tal-ligi jistipula li "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta'sentejn*". Jirrizulta li s-socjeta rikorrenti ghamlet it-toqba fil-*headrests* li jinsabu fil-proprjeta tas-socjeta intimate fis-sena 2008. Meta imbaghad l-addetti tas-socjeta rikorrenti gew biex jinstallaw l-*intercoms* relattivi, skoprew li dawn ma kienux ser jiffunzjonaw tajjeb. Meta imbaghad l-istess

addetti gew biex jinstallaw sistema ohra, irrizulta li t-toqob li kienu ghamlu fl-2008 kienu ikbar mis-sistema l-gdida u ghalhekk kien ser jifdal spazju bejn il-*handset* li riedet taghmel is-socjeta rikorrenti u l-*headboard*. Meta imbaghad ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet dwar kif kellha titranga din is-sitwazzjoni, s-socjeta intimata nfurmat lil dik rikorrenti li hija kellha taghmel tajjeb ghal din il-hsara. Is-socjeta rikorrenti jidher li accettat da nil-fatt, tant li r-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Anthony Tonna fix-xhieda moghtija minnu fis-27 ta' Frar, 2012 qal li "*Jiena jiddispjacini ta' dak li gralhom lis-Sinjuri Pillow ghaliex jiena kont dizappuntat ukoll bil-fatti kif graw. Meta mbaghad gejna biex nitkellmu dwar il-hsarat li kienu saru u li ghalihom jiena kont qieghed nassumi r-responsabilita staqsejt lis-Sur Pillow kemm kienet il-hsara, sahansitra kont lest illi mill-ammont tal-invoice numru 45 dok. AT 1 li naqtalu nofs dan l-ammont sabiex naghmel tajjeb ghal-hsarat. Dan id-diskors sar minni fl-24 ta' Gunju, 2011*" (fol. 16).

10. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jifhem kif is-socjeta rikorrenti qeghda tqanqal il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna, meta r-rapprezentant taghha stess ammetta fix-xhieda tieghu li s-socjeta minnu rapprezentata kienet qeghda tassumi r-responsabbilita ghal istess. Dan id-diskors, skond Anthony Tonna sar fl-24 ta' Gunju, 2011 filwaqt li t-talba odjerna giet intavolata fis-7 ta' Dicembru, 2011. Ghalhekk t-terminu msemmi fl-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 kien ghadu ma ddekkoriex. F'kull kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan il-kaz odjern, ma huwiex applikabbli l-artikolu citat l-ghaliex bejn il-partijiet kien hemm rabta kontrattwali u ghalhekk ukoll, il-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik citata mis-socjeta rikorrenti fir-risposta taghha. Konsegwentement, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti qeghda tigi michuda.

11. Id-diverbju ghar-rigward tal-kontro-talba jidher li huwa ghar-rigward ta' l-ammont li s-socjeta rikorrenti kienet lesta li thallas sabiex taghmel tajjeb ghal hsarat li hija kkommettiet fil-proprjeta tas-socjeta intimata. Dan huwa aktar car mix-xhieda ta' Anthony Tonna, direttur

maniġerjali tas-socjeta rikorrenti meta fid-deposizzjoni tieghu, moghtija fis-27 ta' Frar, 2012, huwa qal li "*F'Awwissu baghtli stima ta' elfejn u mitejn ewro, din hija stima. Jiena ma dehrlix illi kelli nhallas elfejn u mitejn ewro ghal spazju ta' twelve millimieters by fifty-nine millimiters bejn wiehed u iehor. Ghandi nispjega illi l-kaxxa li ahna konna diġà qtajna fl-2008 ma taghtitx bil-hand set ghal tnax il-millimetru mill-wisa u fifty-nine millimetri fl-gholi*" (fol. 16). Fil-fatt, is-socjeta rikorrenti kienet anke ghamlet *frame* sabiex dan l-ispazju jitghata bl-imsemmi *frame*, iżda r-rapprezentanta tas-socjeta intimata ma aċċettatx din is-soluzzjoni. Hija riedet li l-*headrests* tat-tlett kmamar tas-sodda jergghu jiġi ghal istat li kienu. F'dan ir-rigward, is-socjeta intimata esebiet żewġ stimi. Wahda maghmula minn John Farrugia ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Tulip Made Woodworks fl-ammont ta' €2,200.70 (dok. JF 1 a fol. 28) u ohra maghmula minn Top Drawer Limited fl-ammont ta' €2,450 (dok. CP 6 a fol. 45).

12. Meta xehed John Farrugia, li kien il-mastrudaxxa li kien ghamel il-kmamar tas-sodda fir-residenza tal-konjugi Pillow, u gie mistoqsi jekk it-toqob li kienet ghamlet is-socjeta rikorrenti setghux jimtlew biex b'hekk l-ispejjez u danni jonqsu, huwa qal li:

i. L-*headboard* kellha ssir mill-gdid.

ii. Ma kienx kaz li ssir xi parti biss mill-headboard ghaliex anke l-ispray kien lahaq ghadda certu zmien minn fuqu madwar tlieta jew erbgha snin u allura meta jsir l-ispraying fuq il-parti li tkun tista titbiddel ser ikun hemm ukoll id-differenza.

iii. Apparti minn hekk hemm mirja ohra u ma tistax tibni fuq il-mirja. Spjega ukoll li biex tirranga, trid tibda tibni minn taht biex il-mirja jkollhom fuq xiex iserrhu u ma tistax taqla l-mirja u taghmel ix-xoghol illi kienet qeghda titlob Mrs Pillow.

iv. Il-hsarat kienu fil-*headrests* tat-tfal f'zewg *bedrooms* u fil-*main bedroom*.

v. Jekk setghax isir *frame* sabiex titghatta t-toqba jew le trid taccetta l-klijenta.

vi. Dwar jekk setatx timtela t-toqba li kienet saret huwa qal li dan ma setax isir ghax anke jekk tigi xkattlata u stokkjata sew xorta kienu ser jidhru x-xquq ta' mad-dawra tal-kaxxa. Qal ukoll li din it-toqba setat timtela bil-*filler* pero' qal li meta tigi biex tisprejja jimtela kullimkien bir-*rush* tal-i*spray*. Dan ma kienx rakkomandabbli l-ghaliex ix-xoghol kellhu jsir f'dar residenzjali.

vii. Il-materjal li intuza, l-injama tal-*headboard* m'hijiex injama naturali imma hija mahduma tat-tip MDF.

viii. Jekk tigi zrmata l-*headrest* kien hemm possibilita illi tinkiser il-mera u dan peress li l-mera kienet qeghda zzomm mal-injam tal-*headrest*. Il-*headrest* hija twila tlett piedi u nofs minn fuq u hemm il-genb tas-sodda kollha u mbaghad ghandek il-parti ta' fejn is-saqajn. Il-mera hija dawra mejt mal-*headboard* u tibda minn fuq il-*headboard* sa taht is-saqaf u huma nkullati flimkien.

ix. Lanqas ma setat tinbidel biss il-parti l-qasira tal-'L' u cioe' l-forma tal-*headboard* l-ghaliex iz-zebgha nkella ma kinitx ser tigi taqbel u imbaghad kienu jidhlu l-kumplikazzjonijiet l-ohra u dan fis-sens illi l-mera hija mibnija fuq il-*headrest* u l-kwistjoni li z-zebgha tibda tinxtered ma kullimkien.

13. Illi mehuda din ix-xhieda fl-assjem taghha, it-Tribunal jasal ghal konklużjoni li l-hsara li saret mill-addetti tas-socjeta rikorrenti ma setatx tissewwa bi ftit spejjez u li ghalhekk huwa mehtieg li jitbiddel kollox. Is-socjeta rikorrenti messa qaghdet attenta qabel ma qabdet u

ghamlet toqba minghajr ma kienet ippruvat is-sistema li kienet sejra tinstalla minn qabel. Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ilment tas-socjeta intimata fil-kontro-talba taghha huwa ġustifikat u ghalhekk sejjer jilqa l-istess fl-ammont ta' €2,200.70c.

14. Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li s-socjeta intimata ghandha taghti s-somma ta' €1,898.81c lis-socjeta rikorrenti filwaqt li s-socjeta rikorrenti sejra tiġi kkundannata thallas is-somma ta' €2,200.70c ghal hsara li hija ghamlet fil-proprjeta tas-socjeta intimata. Bl-applikazzjoni tal-principji ta' tpacija, meta jkunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. Konsegwentement jiġi li s-socjeta intimata hija kreditrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €301.89c u huwa dan l-ammont li s-socjeta rikorrenti ghandha thallas lis-socjeta intimata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

1. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-kontro-talba mressqa mis-socjeta intimata.
2. Jiddikjara li l-ammonti dovuti mill-partijiet lejn xulxin qeghdin jiġu pacuti safejn dawn huma indaqs u jikkundanna lis-socjeta rikorrenti thallas lis-socjeta intimata d-differenza li teżisti bejn dawn iz-zewg sommom u cioe l-ammont ta' tlett mija u ewro u disgha u tmenin ċenteżmi ta' ewro (€301.89c).

L-ispejjez, in vista ta' dak hawn fuq deċiż ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------